[*Imsemmija b'tifħir*]

# GĦANJA LIL MALTA

*(tnehid ta' wieħed imsiefer)*

Int, ċkejkna Gżiriti,
Ilqagħha t-tislima
Li qalbi bil-qima
Fis troddlok illum:
Mibgħuta msoffija
Fuq ġwienaħ in-naħal,
'Il beltek u 'rraħal
Hi tilħaq ma ddum.

Minn mindu ħallejtek,
Ja Ġawhra tal-baħar
Mogħnija b'kull faħar,
Qatt lilek ma nsejt;
Fil-għagħa, fil-ħamba...
Qalb nies barranija...
Fost ġmiel u sbuħija...
Bik ħsiebi ħennejt

Għax Int, nieqa tiegħi,
Kont biss li bennintni,
U miegħek kennintni
Fil-jiem imrezzħin;
Int kont li nqaxt fija
Id-dîn tal-kbir Alla,
Li Mħabba w Ġieħ ħalla
F'sidirna għal xulxin.

Int żgħira, 'ma kbira
Fl-għajnejn ta' Min sebbħek
Bis-Sewwa w li rebbħek
Fis-siegħa tad-dlâm.
Uliedek qalbiena
Seddquk, tawk il-ħajja;
Naqqxulek il-ġrajja
Fil-qlub, m'hux fl-irħâm.

Mill-art bgħida, bgħida,
Fejn qiegħed nitniehed
Ħlewwietek, inwiegħed
Li nerġa' ġe' fik:
Irrid li nindifen
Hemmhekk, fejn ħadt ismi:
Fi trâbek dan ġismi
Jistrieħ b'kull tberik

KARVAS (CARM. VASSALLO)